MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 773/2000/1

**Audio Visual Centre Limited**

**Vs**

**Tabone Computer Centre Limited**

Il-Qorti,
Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm648.80) minnhom dovuti lis-socjeta' attrici rappresentanti l-bilanc dovut fuq prezz ta' diversi kotba, u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2003 qed jizdiedu il-kliem "u merkanzija ohra", lilhom mibjugha w ikkunsenjati mill-istess socjeta' mittenti fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali bla data, kontra is-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 5 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett :-

1) illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt
2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat dak verbalizzat a fol 7 tal-atti dwar "……ir-ragunijiet dwar l-infondatezza tat-talbiet attrici", kif ukoll dak a fol 8 ibid meta l-istess socjeta' konvenuta ddikjarat "Illi qabel …….. konteggi ……….saldati …….. miftiehem …….. Lm1212.26 …….. cekk ……. 4 ta' Awissu 1998.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici, a fol 63 tal-istess atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 64 ibid.

Rat id-digriet taghha moghti fl-24 ta' Novembru 2003 (fol 65 ibid) u li bih giet awtorizzata z-zieda kif mitluba "kif ukoll …….l-fakolta (moghtija lis-socjeta' konvenuta) li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz".

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2005, a fol 78 tal-atti, kif ukoll dak tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2005 a fol 77 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, b'referenza ghall-eccezzjoni kif sottomessa mis-socjeta' konvenuta, dan kif jidher a fol 8 tal-atti, spjegat billi qalet "Illi qabel il-prezentata tal-kawza, il-partijiet ghamlu l-konteggi bejniethom u dawn il-pretenzjonijiet gew saldati u s-socjeta' konvenuta hallset l-ammont miftiehem li kien Lm1212.26 ………" permezz ta' "cheque" mahrug fl-4 ta' Awissu 1998. Minhabba din il-kjarifika, kien hemm inversjoni tal-provi in vista li l-istess eccezzjoni kienet tammonta fis-sustanza ghal wahda ta' pagament. Ghalhekk, kif jidher a fol 10 et seq tal-istess atti, xehed <u>Joseph Tabone</u> in rapprezentanza tal-istess u dan esebixxa <u>dokument </u>(fol 13 u fol 14 ibid) maghmul fis-6 ta' Mejju 1998 bhala konsegwenza ta' laqgha kif spjegat fl-istess xhieda. Mill-laqgha kien irrizulta li s-socjeta' attrici

kienet kreditrici ta' dik rapprezentata minnu fis-somma ta' Lm1212.26. Ghalhekk kien sari l-pagament permezz ta' "cheque" numru 2137. Minhabba hekk, l-ammont mitlib fl-avviz ma kienx dovut. Ix-xhud kompla sabiex jispjega illi xi ftit xhur wara kienet issir il-konsenja ta' kotba, dawk li ma jkunux nbieghu kienu jingabru mis-socjeta' attrici "……. U hawnhekk kienu jsiru il-konteggi". Pero' in rigward il-kotba kkonsenjati lura, "…… il-"credit notes" li nhargu ma kienux jaqblu mal-kotba li gew mehudin lura". Minhabba hekk, kienet saret l-imsemmija laqgha bil-qbil, kif hawn fuq spjegat. Cioe' nonostante, kienet saret "claim ulterjuri", wara li kien gie effetivament il-hlas a bazi tal-ftehim milqugh, u li kienet tammonta ghal Lm400. Oltre "xi zieda ta' Lm150 ulterjuri tas-snin ta' qabel". Dwar dan ix-xhud sostna illi din it-talba kienet saret <u>wara</u> li kien sar it-…. A bazi tal-ftehim mihuq, liema hlas kellu jkun <u>a saldu</u> ta' kollox. Fl-ahhar nett ix-xhud semma illi fl-20 ta' April 1998, is-socjeta' attrici kienet hadet, mill-pussess ta' dik konvenuta, kotba b'diski, propeta' ta' din is-socjeta', maghrufa bhala "Resource Library" u aventi valur ta' Lm120.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi s-socjeta' attrici pproduciet, bhala xhud lil <u>Amanda Agius</u> (fol 17 u fol 70 et seq ibid) presumilbiment "Amanda" kif risultanti mid-dokument gja msemmi a fol 13 u direttrici tal-istess socjeta' attrici spjegat illi dik konvenuta, kellha <u>zewg kontijiet</u>. Wiehed kien in konnessjoni ma bejgh u konsenja ta' <u>kotba</u> u kien fuq bazi ta' "consignment" fis-sens illi s-socjeta' konvenuta "…… kienu jhallsuna biss tal-kotba li kienu jbieghu" waqt li l-iehor kien jirreferi ghal bejgh u konsenja ta' "C.D. Roms" fuq bazi ta' "firm sale" fis-sens li l-hlas kellu jsir fuq, l-oggetti kollha ordnati u konsenjati. In rigward l-ahhar kont, kien ghad hemm bilanc dovut, mis-socjeta' konvenuta, ta' <u>Lm153.30</u>, waqt li in rigward l-ewwel kont kien ghad hemm bilanc ghadu dovut ta' <u>Lm495.50</u> u dwar dan esebiet diversi dokumenti, kif jidher a fol 20 et seq ibid. Ix-xhud issottmettiet illi qabel ma gew intavolati fil-Qorti dawn il-proceduri, hi ma kienet tkellmet ma hadd mis-socjeta' konvenuta. Dan, fil-fatt gara <u>wara</u> li s-socjeta'

attrici kienet irceviet ic-“cheque” imsemmi hawn fuq. Ix-xhud kompliet issostni li dan il-pagament ma kienx ikopri l-ammont kollu dovut. Fil-fatt meta dan ic-“cheque” kien intbghat u s-socjeta’ attrici ircievitu, hi kienet tkellmet telefonikament ma certa “Liliana” u mid-diskussjoni li saret, ix-xhud u din “Liliana” kienu indunaw li din kellha xi fatturi neqsin u kienu kkonkludew li kien ghad hemm bilanc dovut lis-socjeta’ attrici, ossia dak mitlub fl-avviz in ezami. Dwar dan, pero’, Joseph Tabone ma kien ta ebda twegiba avolja, anke, inkitbet ittra bid-data tad-9 a’ Lulju 1999 u “fax” (ara fol 51 u 58 ibid). Ghalhekk skond l-istess xhud kien ghad hemm dovut lis-socjeta’ attrici l-ammont mitlub fl-avviz in rigward kemm kotba kemm “C.D. Roms” mibjughin lis-socjeta’ attrici (ara wkoll ix-xhieda ta’ <u>Simon Bonello</u> a fol 53 et seq ibid) u l-affidavit ta’ <u>Lydia Bonello</u> a fol 73 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, f’dan il-kaz, kif jidher mid-digriet moghti minn din il-Qorti fl-24 ta’ Novembru 2003, l-istess Qorti kienet awtorizzat zieda fl-avviz in ezami billi wara l-kelma “kotba” jitpoggew il-kliem “u merkanzija ohra” (ara fol 65 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-premess, jidher li s-socjeta’ konvenuta qed tibbaza ruhha fuq il-fatt illi l-partijiet involuti kienu, waqt il-laqgha hawn fuq imsemmija, <u>ftehmu</u> dwar il-bilanc li kien ghadu dovut mis-socjeta’ konvenuta lil dik l-attrici u kien jirreferi biss ghal kotba. Difatti Joseph Tabone jsostni li la darba kien sar dan il-ftehim u li l-ammont hekk miftiehem kien thallas permezz tac-“cheque” msemmi tali hlas kellu jkun saldu ta’ kollox. Illi, pero’ dwar dan ghandu jinghad is-segwenti :-

a) mill-provi, ma jidhirx illi kien sar ftehim dwar xi bilanc li seta’ kien dovut in rigward “C.D. Roms”, liema ammont kien ta’ Lm153.30. Dwar dan l-ammont ma ghandu jkun hemm ebda dubbju, li mill-provi kif esposti, l-istess ammont hu dovut.

b) Dwar l-ammont ulterjuri ta’ Lm495.50 kif hawn fuq spjegat mill-istess provi, jidher li, <u>wara</u> li kien sari l-hlas

permezz tac-"cheque" imsemmi, s-socjeta' attrici kienet indunat illi kien sar zball fil-kalkolu u konteggi u kien ghad hemm dovut l-ammont imsemmi. Dan il-punt jidher car mix-xhieda, gja citata, moghtija minn Amanda Agius. Dwar dan il-punt, hu minnu li kien sar ftehim bejn il-partijiet illi l-ammont li kien ghadu dovut kien jammonta ghal Lm1212.26 izda, wara li s-socjeta' attrici indunat b'dan l-izball fis-sens, illi dovut fuq il-"consignment account" kien hemm Lm1707.76, li minnufih gabet dan a konjizzjoni tas-socjeta' konvenuta li da parti taghha sostniet , kif jidher mix-xhieda ta' Joseph Tabone li kien sar pagament a saldu ta' kollox. Pero' ma ngiebet ebda prova quddiem din il-Qorti illi meta kien sari l-pagament kif hawn fuq spjegat, dan kien akkumpanjat minn xi ittra fuq dokument simili li fih jinghad b'mod car u manifest illi l-istess "cheque" kien hlas a saldu ta' kollox. F'dan il-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti, kieku c-"cheque" kien akkumpanjat b'tali dokument, kien ikun ta' pregudizzju ghas-socjeta' attrici f'kaz li kif gara f'dan il-kaz, ic-"cheque" kien imsarraf. Pero', kif diga inghad, ma jidhirx li dan gara f'dan il-kaz, u ghalhekk dak li sostna Joseph Tabone ma ghandux bazi legali.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk f'dan il-kaz, it-talba attrici tista' tigi milqugha kollha kemm hi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici, s-somma ta' Lm648.80 bl-imghax legali mit-12 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bla data, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------